MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT MS. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2011

Numru 75/2011

Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)

-vs-

GIUSEPPE ANTONINO VASSALLO ta’ 47 sena bin Vincenzo u Angela nee’ Fortini, imwiwled Palermo fi Sqallija fis-17 ta’ Settembru 1963 u residenti Ivy Mnsions, Flat 5, Triq l-Imghazel, Swieqi Malta (Karta ta’ l-Identita’ Taljana AN1725699)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fl-20 ta' Lulju 2011 gewwa dawn il-gzejjer ta' Malta, f'diversi hinijiet:

1. ghamel uzu, xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta ta' merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema u dan sar ghad-detriment ta' Emanuel Bajada u/jew persuni ohra (Art. 298(1)(c) tal-Kap 9).
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement qieghed f'cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq (Art. 298(1)(f) tal-Kap 9).
3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel attivita' kummercjali f'xi triq minghajr ma kellu licenzja minghand l-awtorita' kompetenti (Art. 10(1) tal-Kap 441).

Filwaqt li qed nesebixxi vera kopja tal-karta ta' l-identita' ta' Giuseppe Antonino Vassallo nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikoli 298 (1) (c ), 298 (1) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 10(1) tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja l-imputat Giuseppe Antonino Vassallo ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu li hija wahda netta. Inoltre' kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat irrifonda l-flus li huwa rcieva minghand Emanuel Bajada fl-ammont ta' tlett mitt Euro (€300).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 298 (1) (c ), 298 (1) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 10(1) tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta., fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u:

(1) B'referenza ghall-ewwel u t-tieni akkuza b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

(2) B'referenza ghat-tielet akkuza, billi jirrizulta li din hija l-ewwel darba illi l-akkuzat ipprova jezercita kummerc minghajr il-permessi mehtiega f'dawn il-gzejjer, issibu hati u tikkundannah taht l-istess artikolu 18(a) tal-kap 441, ghal ammenda ta'mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

B'applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tat-tlett ezebiti FT9 sa FT11 ezebiti mill-prosekuzzjoni.

L-imputat irid ihallas l-ispejjez ta' l-interpretu.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------